MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Numru. 782/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**MARCETTE PULE'**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marcette Pule' ta' 32 sena, bint Anthony u Eva nee' Vassallo, mwielda fil- 25 ta' Settembru 1979 f' Attard, residenti Evan, Triq is- Surbell, Paola u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 459379M;;

Talli fit- 12 ta' Lulju 2010, ghall- habta tas- 19.20hrs gewwa Triq ix- Xatt, Msida saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni ZOO- 323 u b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat- traffiku,

nvolontarjament tajret lil Ivan Cassar u kkaguna offizi ta' natura gravi skont kif iccertifika Dr. Jphn Gauci MD mill-MDH;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-istadju ta' gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputata kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru ZOO 323 fi Triq ix-Xatt, l-Imsida, fil-parti tat-triq qrib il-monument tal-haddiem, quddiem il-gabbana fejn l-ufficcju tal-Avis, sejra fid-direzzjoni lejn B'Kara. Hekk kif giet mal-"pedestrian crossing" li taghti ghall-klabb tal-Bocci, hi tajret lil Ivan Cassar minn fuq l-istess "crossing", bil-konsegwenza li hu sofra griehi gravi.

Bl-ammissjoni tal-imputata, din il-Qorti qed issibha hatja, izda ghall-finijiet ta' piena, huwa necessarju li jigu esaminati l-provi prodotti fil-kawza. L-imputata naqset milli zzomm dak li jissejjah "a proper lookout" meta giet ghal punt fit-triq fejn jistghu jaqsmu l-persuni min-naha ghall-ohra. Jidher li x-xemx dak il-hin kienet ezatt f'ghajnejha, u din tellfet il-vizwali taghha. Madankollu, il-vetturi l-ohra li kien hemm fil-karreggjati ma' genbha lahqu waqfu biex jaqsam Cassar, jigifieri dawk is-sewwieqa – li kellhom l-istess vizwali bhal tal-imputata – kienu lemhu lil Cassar qed jaqsam u waqfu. Gie stabbilit ukoll li l-imputata kienet ghaddejja b'velocita' minima ghall-ahhar, hekk kif xehed l-

istess Cassar, u ghalhekk il-Qorti ma tarax li kien hemm ksuhat jew negligenza fis-sewqan taghha, izda kien hemm nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti u nuqqas ta’ hila fis-sewqan da parti tal-imputata. Ghalhekk, tenut tkont ta’ dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ser tipprovdi ghal sanzjoni fil-komunita’ fil-konfront tal-imputata, minghajr l-iskwalifika tal-licenzja taghha tas-sewqan.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 226(1)(a) u (b) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------